MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 56/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. B. Spiteri)**
**Vs**
**Gordon Mifsud**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Settembru, 2008, ghall-habta tad-9.30 a.m., fil-kapacita' tieghu bhala d-direttur tal-kumpanija Security Services Malta Ltd, li hija licenzjata sa 2008, ipprovda lill-persuna Charlene Tanti, ID 283989(M) ghal dmirijiet fi, jew li kellhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' gwardjani privati w dan meta din il-persuna ma kelliex il-licenzja bhala gwardjan privat skond id-dispozizzjoni tal-Att 389.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Frar, 2009, li biha, ma qiesitx li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha minghajr

dubju ragonevoli w konsegwentement ma sabitx lill-appellat hati w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta’ Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla, tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w minflok tiddisponi minnha w mill-kaz *de quo* ai termini tal-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni biex tisma w tiggudika dwar dan il-kaz sommarjament, kif ghamlet. Il-piena ghall-ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 389, abbinata mal-artikolu 25 (a) tal-istess ligi, hi dik ta' multa ta' mhux izjed minn Ewro 23,293.73c u/jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena. Illi l-artikolu 370 (1) (b) tal-Kodici Kriminali jistabilixxi li l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali hi, *inter alia,* ghal delitti li jaqghu taht il-piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur. Ghalhekk din il-piena kienet teccedi l-kompetenza ta' dik il-Qorti w l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tiehu konjizzjoni tal-kaz . Konsegwentement is-sentenza appellata hija nulla.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

L-artikolu 370 (1) (b) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li huma kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati *"inter alia"* id-delitti msemmijin f' dak il-kodici meta jaqghu taht il-piena tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, jew tal-prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sitt xhur biz-zieda jew minghajrha tal-multa jew l-interdizzjoni.

Umbaghad is-sub-inciz ( c) jinkludi f' din il-kompetenza ir-reati kollha f' ligijiet ohra meta jaqghu taht il-pieni imsemmijin fil-paragrafu (b), jekk dawk il-ligijiet ohrajn ma jkunux jiddisponu xort' ohra. Hawn si tratta ta' ligi specjali w cioe' l-Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali (Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati tkun trid tirradika ruha taht il-paragrafi (c) u (b) tal-art. 370 (1) tal-Kap.9.

Din il-ligi specjali ma tistabilixxix quddiem liema Qorti ghandhom jigu gudikati ir-reati li jaqghu tahtha w ghalhekk f' kull kaz il-gurisdizzjoni tkun tiddependi mill-piena applikabbli ghad-diversi tipi ta' reati taht dak l-Att. Hekk fil-waqt li l-piena ghal reati imsemmija fil-paragrafu (a) tal-artikolu 25 u cioe' dik ta' sa mhux aktar minn sena prigunerija u/jew multa tohrog mill-gurisdizzjoni ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, invece dawk ir-reati kontemplati fil-paragrafu (b) u ( c ) tal-artikolu 25 tal-Att ma jezorbitawx minn din il-gurisdizzjoni w jistghu jigu trattati w decizi sommarjament mill-istess Qorti fil-kompetenza ordinarja taghha.

L-Avukat Generali qed jissottometti li l-akkuza taqa' taht l-artikolu 5 u l-art. 25 (a) tal-Kap.389.

L-artikolu 5 jipprojbixxi lil xi agenzija ta' gwardjani privati tipprovdi lil xi persuna ghal dmirijiet fi, jew li ghandhom x' jaqsmu ma', servizzi ta' gwardjani privati kemm il-darba dik il-persuna ma jkollhiex licenzja bhala gwardjan privat skond id-dispozizzjoni tal-Att.

Issa r-reati li jikkomprendi il-paragrafu (a) tal-Art. 25 huma dawk ta' min ihaddem agenzija ta' gwardjani privati jew agenzija ta' gwardjani lokali bi ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Att jew ta' xi licenzja  mahruga bis-sahha tieghu jew li tikser id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-istess Att. Certament mit-test tac-citazzjoni mhu qed jigi b' ebda mod invokat l-artikolu 23 tal-Att. Imma l-Avukat Generali qed  jissottometti li l-fatt li qed jinkiser l-art. 5 ifisser li qed isir ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Att jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu.

Hu minnu li, meta wiehed ihares lejn il-paragrafu ( c ) tal-artikolu 25, isib li hemm piena differenti w cioe' wahda ta' multa ghal reat kommess minn persuna li timpjega, thaddem jew tippermetti l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati jew servizzi ta' gwardjani privati bi ksur tal-artikolu 4 jew tal-artikolu 15, jew li xort' ohra tikser xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dak l-Att barra minn dawk li ghalihom japplikaw il-paragrafi (a) u (b) tal-art. 25. Pero' wiehed ghandu jifhem li l-kliem "*jew xort' ohra tikser xi wahda mid-dispozizzjonijiet …paragrafi (a) u (b)"*,bir-regola tal-interpretazzjoni tal-"*eiusdem generis"* tirriferi ghal kazijiet ta' terzi li jimpjegaw is-servizzi ta' Gwardjani privati jew lokali, u mhux ghall-kazijiet ta' agenziji licenzjati li jimpjegaw persuni li *a loro volta* ma jkunux licenzjati.

Il-paragrafu (b) tal-art. 25 zgur mhux applikabbli lanqas ghax jirriferi ghall-persuna li hi stess tahdem ta' gwardjan privat jew lokali bi ksur tal-ligi jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu. Dan il-paragrafu ikun talvolta applikabbli ghal persuna bhal Charlene Tanti li tissemma fil-komparixxi.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel li l-ksur tal-obbligu ossia l-projbizzjoni sancit mill-art. 5 jaqa' taht u jgib is-sanzjoni kontemplata fl-art. 25 (a).

Kwindi l-Ewwel Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni li tisma w tiddeciedi dan il-kaz u ghalhekk il-process u s-sentenza appellata huma nulli.

Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tordna lir-Registratur u Direttur tal-Qrati w Tribunali Kriminali li mill-gdid jerga jirregistra w jassenja dan il-kaz lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------